# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 313/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kylie Cutajar**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Kylie Cutajar**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 147997(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer bejn il-15 ta' Mejju 2018 u s-17 ta' Mejju 2018:

1. pubblikament xewwxet persuna/persuni oħra sabiex tagħmel reat;

2. fl-istess perjodu u ċirkostanzi pubblikament xewwxet lill-persuna/persuni oħra sabiex tikser il-liġi;

3. fl-istess perjodu u ċirkostanzi permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddedt li tagħmel xi reat jew bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex tagħmel xi gwadann, jew għamlet użu ieħor mhux xieraq bl-istess apparat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 69(b) u 70 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 49 ta' Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha b'dan illi ddeċidiet li t-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni u, wara li rat Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputata għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija li ġew sospiżi għal tmintax (18)-il xahar u kkundannatha wkoll għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt Euro (€500). L-Ewwel Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputata r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-1 ta' Frar 2022 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet premessi "Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) (Spettur John Spiteri) kontra Kylie Cutajar" in kwantu sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha u minflok tiddikjara li mhijiex ħatja tagħhom u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena, u dan salv kull provvediment u dikjarazzjoni xieraq u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jorbtu ma' kumment li ġie mtella' fuq sit ta' *social network* prominenti. F'dan il-kumment, li kien b'reazzjoni għall-*post* imtella' fuq is-sit soċjali mill-gazzetta The Malta Independent li kien iġib it-titolu "*Update (3): Traffic police man injured in hit and run accident involving unlicensed driver*", l-appellanti kitbet hekk: *"waħda reverse u ejja ħa mmorru :p"*.

Illi mix-xiehda tal-Uffiċjal Prosekturu l-iSpettur Joseph Busuttil (*a fol.* 21 *et seq.*) jirriżulta li xi membri tal-korp tal-Pulizija ħassew li dawn il-kummenti kienu qed jinċitaw għal vjolenza kontra membri tal-korp. In vista ta' dan l-appellanti tressqet quddiem l-Ewwel Qorti fuq imputazzjonijiet marbuta ma' ksur ta' Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ma' ksur ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi qabel mal-Qorti tibda bl-istħarriġ tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha, din il-Qorti tfakkar li ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet

**Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti targumenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-imputazzjonijiet fid-dawl ta' Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda kkunsidrathom taħt *hate speech.*

Illi l-appellanti ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti dwar imputazzjonijiet marbuta ma' Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ma' Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li Artikolu 69 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra s-segwenti:

> "Kull min, pubblikament, ixewwex persuna oħra sabiex tagħmel reat, għall-fatt biss li jkun hekk xewwixha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena: [....]",

Artikolu 70 tal-istess Kapitolu jistabbilixxi hekk:

> "Kull min, pubblikament, ixewwex lil persuna oħra sabiex tikser il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jew, fil-każijiet ħfief, id-detenzjoni jew l-ammenda."

Illi Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –
>
> (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew
>
> (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew
>
> (c) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih
>
> ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel [...]."

Illi tenut kont ta' dak li jipprovdu l-artikoli hawn fuq ikkwotati, din il-Qorti hija tal-fehma li jista' jkun hemm relazzjoni bejn ir-reat ta' tixwix u r-reat ta' *hate speech* minħabba li permezz dan ta' l-aħħar persuna tista' ixewwex sabiex isir reat. Dan jirriżulta wkoll mill-pubblikazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta dwar Article 10 "Hate speech" (Last updated: 12 ta' Lulju 2022) jingħad hekk:

> "Incitement to discrimination is a form of incitement to intolerance, which, together with <u>incitement to violence</u> and hatred, is one of the limits which should never be

> overstepped in the exercise of freedom of expression. However, incitement to different treatment is not necessarily the same as incitement to discrimination (*Baldassi and Others v. France*, 2020, § 64)." [emfażi miżjuda]

Illi anke jiġi mwarrab dan il-punt, minn analiżi tas-sentenza appellata jidher ċar li d-decide tagħha kien imsejjes fuq Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minbarra dan fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi ċertament fil-każ odjern, il-kliem li kitbet l-imputata ma jirriżultawx bħala razzjonali b'mod partikolari l-kumment *'Waħda reverse u ejja ħa mmorru'*. L-intendiment tal-imputata joħroġ ċar minn kliemha. Żgur li ma jistax jingħad li kliemha kienu normali jew razzjonali, anzi kienu propju intiżi għall-mibegħda, <u>ħsara u tixwix</u>." [emfażi miżjuda]

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma kinitx skorretta billi fil-konsiderazzjonijiet tagħha nkludiet punti li jirrelataw ma' *hate speech* minħabba li tali argument huwa f'dan il-każ marbut ferm mill-qrib mar-reati stabbiliti f'Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan tali stħarriġ jorbot ukoll mar-reat stabbilit taħt Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda jibqa' li d-determinazzjoni finali tal-Ewwel Qorti ġiet magħmula fil-kuntest tal-artikoli li jirriżultaw fiċ-ċitazzjoni. Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tisħaq li l-kliem in kwistjoni ma jistgħu qatt jitqiesu bħala kliem li jxewxu lil xi ħadd jagħmel reat jew li jikser il-liġi. Hija tilmenta li l-kumment li ħalliet fuq il-pjattaforma soċjali qatt ma seta' jitqies bħala tixwiex u tirreferi għall-fatt li għalqet il-kumment tagħha permezz ta' l-emoji *":p"* li tfisser li xi ħadd qed jgħajjeb lil xi ħadd ieħor. Tgħid

li meta jintuża l-emoji *":p"* wieħed ikun qed ifisser li dan il-messaġġ ma għandux jittieħed bis serjeta' u tgħid li fiċ-ċirkostanzi dawn jistgħu jkunu ta' *"bad taste"* iżda dan ma jfissirx li hija kienet qed ixewwex.

Illi dwar Artikolu 69 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year – Criminal Law), il-Profs. Mamo jgħid is-segwenti:

> "Any such incitement is a threat to public peace because this requires not only that actual injury to the rights of others should be repressed, but also so far as possible that such harm be prevented and obviated. And such prevention is secured by punishing even the mere solicitation or incitement independently from the effect thereof.
>
> [....]
>
> We are now dealing precisely with one of such cases. The elements of this crime are:
>
> i. publicly instigating
> ii. to commit an offence."

Illi fil-każ odjern huwa paċifiku li l-kumment magħmul mill-appellanti huwa fuq pjattaforma soċjali pubblika u għalhekk l-ewwel element huwa sodisfatt.

Illi rigward it-tieni element il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu hawn fuq imsemmija (Second Year – Criminal Law) jispjega s-segwenti:

> "The second element of this crime is that the instigation should have for its object the commission of a criminal offence. That is to say it must be referable to a determinate offence and be made with the intention that this should be committed. The instigation, therefore,

> must consist not in the mere propaganda of ideas or in the rousing of mere feelings or passions, however blameworthy, as for instance of hatred or hostility, but in urging the commission of an action or a material fact which constitutes a criminal offence[1]. *"It is not sufficient, in order to constitute the crime in question, for a person to publicly suggest to another to do something without saying what it is, or for a person to incite another to commit an offence he may choose to commit: in that case the offence provided for by this provision would not arise. The offence will not arise unless the incitement is to commit a determinate offence*[2]*"."*

Illi l-kumment imħolli mill-appellanti jrid jinqara fil-kuntest tal-messaġġ prinċipali li fuqu hija kienet qed tikkummenta u ċioè l-aġġornament imtella mill-ġurnal wara l-inċident li sar ftit qabel fejn Pulizija ġie mtajjar. F'dan ir-rigward il-messaġġ huwa ċar *"waħda reverse u ejja ħa mmorru :p"* jirreferi proprju għal fatti ta' dan il-każ u qed jiglorifika b'mod pubbliku azzjonijiet simili.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti s-simbolu *":p"* seta' jinftiehem li kien intiż sabiex iwassal messaġġ ta' impudenza – fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti jaggrava u mhux itaffi l-messaġġ. Tenut kont ta' dan, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 69 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Profs. Mamo fin-Noti tiegħu msemmija aktar 'il fuq (Second Year – Criminal Law) jgħid hekk:

> "The provision under reference does not seek to put any narrow construction on the expressions used but interferes only when plainly and deliberately the limits are passed of frank and candid and honest discussion or

[1] Maino, *op. cit.*, art. 246, para. 1225; Pincherle "Manuale di Diritto Penale", pg. 320, No. 625.
[2] Crown Advocate, Debated, *loc. cit.*, pg. 322.

> criticism and degenerates into a public incitement to the disobedience of the law."

Illi frankament li wieħed jissuġerixxi dak li qalet l-appellanti fil-kumment tagħha huwa ċensurabbli. Speċjalment meta wieħed iqis li dak li qed tiglorifika l-appellanti huwa li wieħed itajjar persuna. Tenut kont tal-kuntest li fih sar dan il-kumment, din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi rikjesti sabiex jissusisti r-reat prefissat f'Artikolu 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu fil-kumment tal-appellanti. Konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, it-tieni aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi taħt it-tielet aggravju l-appellanti tilmenta li Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedu intenzjoni doluża speċifika u skont hi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-intenzjoni tagħha li tħeġġeġ in-nies sabiex jikkommettu reat jew b'xi mod jiksru l-liġi. L-appellanti tkompli tgħid li dak inhar stess hija neħħiet il-post u għamlet apoloġija u skont hi l-użu tal-emoji *":p"* turi l-animu tagħha.

Illi dwar l-element formali tar-reat din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li jgħallem **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu Corso fi Diritto Criminale – Programma – Parte Generale (4th. Edition) fejn jgħid hekk;

> "Se l'intelletto, o la volontà, od ambedue, mancano del tutto all'agente, non vi è intenzione, e non vi è per conseguenza imputabilità."

Illi fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Profs. Mamo jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa*. B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

> "This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective."

Illi dan il-ħsieb ġie wkoll suffragat minn dak li jgħid il-**Carrara** fil-ktieb tiegħu ċċitat hawn fuq meta jgħid hekk:

> "Meglio sembra poter servire a graduare la colpa la distinzione fra chi nulla affatto pensò al tristo evento (lo che i Romani dissero *culpa ex ignorantia*) e chi vi portò il pensiero, ma previde che *non sarebbe avvenuto* (lo che i Romani dissero *culpa ex lascivia*). Un giovine sta per esplodere contro una fiera; il suo compagno lo avverte che ad una distanza vi è un uomo: ti par egli (risponde il primo) è impossibile che il piombo arrivi laggiù mai; ed esplode, ed il piombo giunge a ferire. Costui non è in *dolo*, perchè ha *preveduto* come cosa certa di *non ferire*: ma la sua colpa è più grave che non sarebbe quella di chi niente avesse veduto quell'uomo. Queste regole si sentono in pratica, ma difficilmente si riducono a formule assolute di dottrina."

Illi mill-istqarrija tal-appellanti (Dok. "MM1" – *a fol.* 55 *et seq.*) jirriżulta li hija ma bassritx l-effett tal-kumment tagħha tant li lanqas fehmitu f'dak is-sens. Din il-*forma mentis* tal-appellanti tirriżulta fl-istqarrija tagħha. Minkejja dan, l-appellanti setgħet, fil-fehma ta' din il-Qorti, tbassar li bl-aġir tagħha kienet qed ixewwex kontra l-korp tal-Pulizija u b'hekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. B'hekk anke it-tielet aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellanti huwa dwar ir-reat ta' *hate speech.* Tilmenta li ma jistax ikun hemm *hate speech* kontra l-Pulizija

minħabba li tali korp ma jaqax fid-definizzjoni ta' *hate speech* ikkwotata mill-Ewwel Qorti.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan ir-raba' aggravju tal-appellanti huwa kemmxejn inutli u jikkontradixxi xi ftit l-ewwel aggravju tagħha. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tqis li fl-aħħar mill-aħħar l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-appellanti ħatja ta' *hate speech* iżda ta' reat *ai termini* ta' Artikoli 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ il-*hate speech* kien il-vejikolu għat-tixwix.

Illi aktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-Qorti esprimiet dak li kellha tgħid dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni dwar il-kunċett ta' *hate speech* u sabiex ma tiddilungax tapplikah għal dan l-aggravju. Minbarra dan ta' minn jinnota li l-liġi Maltija tirregola l-*hate speech* permezz ta' Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Anke fuq livell purament akkademiku ta' minn jinnota li dan l-artikolu huwa miftuħ aktar mid-definizzjoni ikkwotata mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement mhux korretta l-appellanti meta tgħid li *hate speech* kontra l-korp tal-Pulizija ma hux possibbli. Tenut kont ta' dan kollu, ir-raba' aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ħames aggravju</u> tal-appellanti jirrigwarda dak li hija ssejjaħ protezzjoni tal-liberta' ta' espressjoni. Hija tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Savva Terentyev v. Russia** (Numru 10692/09) u tilmenta li ma ttieħdu l-ebda passi fil-konfront tal-persuni li għamlu kummenti dispreġattivi kontra tagħha.

Illi din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għall-pubblikazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar Article 10 "Hate speech" (Last updated: 12 ta' Lulju 2022) li diġa' sar riferenza għalih aktar 'il fuq fejn fih jingħad is-segwenti:

> "The dominant position which a government occupies makes it necessary for it to display restraint in resorting

to criminal proceedings, particularly where other means are available for replying to unjustified attacks and criticisms of adversaries. Nevertheless, it certainly remains open to the competent State authorities to adopt, in their capacity as guarantors of public order, measures, even of a criminal-law nature, intended to react appropriately and without excess to such remarks. Finally, where such remarks incite to violence against an individual or a public official or a sector of the population, the State authorities enjoy a wider margin of appreciation when examining the need for an interference with freedom of expression (*Sürek v. Turkey (no. 4)* [GC], 1999, § 57).

[….]

It has been the Court's constant approach to stress that where the views expressed do not comprise an incitement to violence (namely, advocate recourse to violent action or bloody revenge, justify the commission of terrorist offences in pursuit of their supporter's goals or can be interpreted as likely to encourage violence by expressing deep-seated and irrational hatred towards identified persons), Contracting States cannot rely on protecting territorial integrity and national security, maintaining public order and safety, or preventing crime, to restrict the right of the general public to be informed of them (*Sürek v. Turkey (no. 4)* [GC], 1999, § 60; *Fatullayev v. Azerbaijan*, 2010, § 116; *Gözel and Özer v. Turkey*, 2010, § 56; *Nedim Şener v. Turkey*, 2014, § 116; *Şık v. Turkey*, 2014, § 105; *Dilipak v. Turkey*, 2015, § 62; *Dmitriyevskiy v. Russia*, 2017, § 100).

[…]

The relevant contextual factors include whether the statements were made against a tense political or social background; whether the statements, fairly construed

> and seen in their immediate or wider context, could be seen as a direct or indirect call for violence or as a justification of violence, hatred or intolerance; and the manner in which the statements were made, and their capacity – direct or indirect – to lead to harmful consequences. In such cases, it is the interplay between the various factors rather than any one of them taken in isolation that determines the outcome of the case. The Court's approach to that type of case can thus be described as context-specific (*Perinçek v. Switzerland* [GC], 2015, §§ 204-208; *Maria Alekhina and others v. Russia*, 2018, §§ 217-221)." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huma partikolari minħabba li l-kumment tal-appellanti sar f'kuntest soċjali fejn kien għad kif kien hemm attakk gravi fuq uffiċjal tal-Pulizija u l-kumment kien qed isir proprju fil-kuntest ta' artikolu tal-gazzetta li kien qed jirrapporta fuq tali akkadut. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tqis il-kumment magħmul mill-appellanti f'dan il-kuntest. In vista taċ-ċirkostanzi vera partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tqis il-kumment magħmul mill-appellanti bħala inċitament għal vjolenza u konsegwentement ma kienx tollerabbli anke tenut kont l-emoji wżat li seta' jiġi nterpretat bħala xbieha ta' imprudenza.

Illi dwar il-kummenti li saru fil-konfront tal-appellanti, din il-Qorti rat il-kummenti ppreżentati fl-atti proċesswali (*a fol.* 114 sa 121) u ser tieħu l-provedimenti opportuni aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi s-sitt aggravju tal-appellanti huwa dwar l-użu ta' apparat elettroniku. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tisħaq li ma għandhiex tinstab ħatja ta' dan ir-reat ladarba ma jissusistux l-imputazzjonijiet l-oħra. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma

għandhiex għalfejn ittawwal wisq u dana tenut kont dak li ngħad aktar 'il fuq fejn l-aggravji l-oħra tal-appellanti ġew miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Kylie Cutajar u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

Fl-aħħar nett, din il-Qorti tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni neċessarja dwar il-kummenti li persuni għaddew kontra l-appellanti kif ingħad aktar 'il fuq u, jekk ikun il-każ, jieħu azzjoni kontra tagħhom.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**